Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 280/2015

**Schembri & Aloisio Ltd**

**Vs**

**Total Care Laundry Ltd**

Il-Gimgha, 3 ta' Gunju 2016.

Is-socjeta konvenuta appellat minn sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-28 ta' Ottubru 2015 li biha giet kundannata thallas lill-attrici s-somma ta' sitt elef disa' mija u tmienja u tletin ewro u zewg centezmi (€6,938.02). L-aggravji tal-appellanti huma:

1. Kien hemm raguni valida ghalfejn hadd ma deher ghas-socjeta appellanti fis-seduta tat-28 ta' Ottubru 2015, u dan ghaliex dakinhar li giet notifikat ir-rikors u l-avviz ta' smiegh kien hemm hruq fil-fabbrika tas-socjeta konvenuta. Dan wassal biex Christopher Aquilina, direttur tas-socjeta appellanti, nesa ghal kollox li kien gie notifikat bl-atti gudizzjarji.
2. Ir-rapprezentant tas-socjeta konvenuta naqas milli jgharraf lill-qorti bl-incident li kien hemm fil-fabbrika tas-socjeta attrici.
3. L-appellanti m'hijiex debitur tas-socjeta attrici.
4. L-appellanti ma kellhiex tigi kkundannata thallas l-ispejjez.

Il-qorti rat l-atti u tosserva:

1. Jirrizulta li fid-29 ta' Settembru 2015 l-atti gudizzjarji gew notifikati lil Christopher Aquilina, direttur tas-socjeta appellanti. Jirrizulta wkoll li dakinhar sehh nirien fil-fabbrika tas-socjeta attrici. L-ewwel smiegh kien fil-21 ta' Ottubru 2015, ghal liema seduta deher biss id-difensur tas-socjeta attrici u gie pprezentat kapitolu. It-tieni seduta kienet fit-28 ta' Ottubru 2015 li ghaliha m'attenda hadd u l-qorti tat sentenza.

2. Fis-seduta tal-lum ma deher hadd ghas-socjeta appellanti. Ghal dak li jirrigwarda x'gara fid-29 ta' Settembru 2015 kull m'hemm fl-atti hu rapport tal-pulizija. Fir-rikors tal-appell Christopher Aquilina ma spjegax kif sar jaf bis-sentenza.

3. Fis-sentenza **Carmen Taliana vs Rita Borg** tas-26 ta' Jannar 2005, din il-qorti qalet:

*"Jibda biex jigi ri-affermat il-hsieb drabi ohra mtenni millQrati taghna illi "il-materja tas-subizzjoni hija materja delikata u deciziva peress li biha jekk il-parti tonqos li tidher, il-kapitoli jittiehdu bhala konfessati u l-konvenut ikun impedut li jaghmel appell amenokke ma*

*jiggustifikax il-kontumacja tieghu. Id-disposizzjonijiet relattivi tal-ligi ghalhekk ghandhom jigu segwiti ad unguem" - "Dr. John Buttigieg LL.D., M.P. -vs- Michael Marletta, Appell, Sede Inferjuri, 11 ta' Novembru 1986;*

*Hi ligi illi fejn parti tinqeda bil-procedura tal-kapitoli dawn jitqiesu mistqarra kemm-il darba ma tingiebx raguni tajba mill-parti msejha ghas-subizzjoni li minhabba fiha din il-parti tkun naqset li tidher. Ara Artikoli 698 (2) u 702 (3) tal-Kodici ta' Procedura;*

*Jinsab spjegat illi, "il-kawza gusta biex il-parti ma tidherx quddiem il-Qorti ghalkemm ikunu saru l-kapitoli kontra taghha, ghandha tikkonisti f'impediment legittimu li minhabba fih il-parti ma setghetx tidher biex tirrispondi ghall-kapitoli li saru kontra taghha" (Kollez. Vol. XXXII P I p 693)".*

4. M'hemmx dubju li l-incident li sehh fid-29 ta' Settembru 2015 kien wiehed serju, pero' l-qorti m'hijiex konvinta li dan l-incident kien impediment legittimu li minhabba fih ir-rapprezentant tas-socjeta konvenuta ma jidhirx ghal darbtejn fil-qorti. Id-dizattenzjoni m'hijiex raguni valida. Pjuttost turi traskrugani. Fil-fehma tal-qorti kien hemm hemm bizzejjed zmien sabiex jinkariga avukat sabiex jidher ghall-interess tal-kumpannija.

5. Illum ukoll Christopher Aquilina rega' m'attendiex ghal seduta tal-qorti minkejja li mill-atti jirrizulta li ilu x-xhur li rcieva l-avviz ta' smiegh. Kif qalet din il-qorti fis-sentenza **Joseph Caruana Co Ltd vs David Coleiro et** tas-17 ta' Novembru 2004:

   *"Issa aggunta ma' din il-konsiderazzjoni hemm il-fatt illi anke issa quddiem din is-sede l-istess appellanti, nonostante li kienu debitament notifikati fl-indirizz moghti fl-avviz ta' l-appuntament ta' l-appell taghhom, naqsu milli jattendu biex jikkonfermaw bil-gurament l-kontenut tal-fatti rakkontati fl-aggravju taghhom biex b' hekk, forsi, din il-Qorti setghet tikkonsidra, fic-cirkostanzi, li kien hemm raguni sufficcjenti ghall-ispurgar tal-konfessjoni prezunta tal-materja kapitolata.* ***Anke hawn f'din is-sede issoktaw fl-atteggjament kolpuz taghhom u allura m' ghandhomx jistennew li din il-Qorti tkun indulgenti maghhom ghan non-kuranza u traskuratezza taghhom."***

   Ragunament li japplika perfettament ghall-appell in ezami.

6. L-appellanti lmentat ukoll li s-socjeta appellata ma nfurmatx lill-ewwel qorti bin-nirien li kien sehh fil-fabbrika. Pero m'hemmx prova li r-rapprezentant tal-appellata kien jaf b'dak li gara.

7. Gialadarba l-appellanti ma kkonvincitx lill-qorti li kien jezisti impediment legittimu li tidher ghas-seduti li saru quddiem l-ewwel qorti, l-appell taghha ma jistax jirnexxi.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellanti**.

Anthony Ellul.